MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tas-16 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 403/2011

**James (ID-202257-M) u**
**Rita konjugi Agius**

**vs**

**Agius John**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu illi l-konvenut ghandu jhallas nofs l-ammont ta’ manutenzjoni ta’ bir in kommunjoni li jinsab f’ghalqa fil-limiti ta’ Wied is-Sewda, Zebbug Malta fl-ammont ta’ sitt mija u hamsin Ewro (€650) bhala sehem li ghandu jhallas il-konvenut liema spejjez kienu diga gew denunzjati lilu u li baqa’ inadempjenti ghalkemm kien hemm proceduri apparti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) dwar id-dritt tal-uzu tal-bir liema xoghlijiet saru ricentement.

Bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha qieghed jikkontesta t-talba ghaliex, fl-ewwel lok tali talba ghall-hlas ta' spejjez ta' manutenzjoni ta' bir in komuni, hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn taht l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili; u fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, mhux dovut ebda hlas mill-konvenut lill-atturi ghaliex mhuwiex minnu li sar ix-xoghol ta' manutenzjoni reklamat.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Semgha t-trattazzjoni.

Ra s-sentenza preliminari dwar il-preskrizzjoni li nghatat fil-25 ta' Novembru 2011.

Ikkunsidra,

Illi permezz ta' din l-azzjoni l-atturi qed jitolbu minghand il-konvenuti, nofs l-ispejjez li huma nkorrew sabiex ghamlu xoghlijiet ta' manutenzjoni u tiswija ta' bir li ghalkemm jinsab fl-ghalqa tal-attur, iz-zewg partijiet kontendenti ghandhom l-uzu tieghu, u dan fis-sens illi kull parti ghandha d-dritt li ttella' l-ilma minnu b'mod alternat, sena l-atturi u s-sena sussegwenti l-konvenut.

Illi din is-sistema l-partijiet kienu qed izommu maghha b'mod regolari, sakemm fl-2010, f'liema sena kien jispetta lill-konvenut li jaghmel uzu mill-bir, l-attur cahhdu minn tali uzu billi ghamel katnazz mal-horza tal-bir. Illi ttiehdu proceduri gudizzjarji f'dan ir-rigward fil-konfront tal-attur, u mid-deposizzjoni li nghatat mill-partijiet jidher illi eventwalment il-partijiet waslu ghal kompromess, u l-katnazz tnehha. Illi ghalhekk il-konvenut kompla fl-uzu ta' dan il-bir ghall-kumplament taz-zmien li kien fadal f'dik is-sena.

Illi dwar l-ispejjez ta' tiswija li allegatament saru mill-atturi f'dan il-bir, jidher illi saru fis-sena 2008 – u dan a bazi tar-

ricevuti li gewipprezentati – u dan lejn l-ahhar tas-Sajf ta' dik is-sena. Illi s-sekwenza ta' dawn ix-xogholijiet, skond l-atturi, kienet tikkonsisti f'li jithammel dan il-bir billi jitnehha l-hama – u ghalhekk gie mehtieg li jinkera crane ghal dan l-iskop – li imbaghad jitkisser b'jigger il-kisja ta' gir iswed li kien hemm fil-bir – u ghalhekk gie mehtieg li jinkera jigger – u imbaghad isir xoghol ta' waterproofing, u kisi mill-gdid mal-hitan minn gewwa ta' dan il-bir.

Illi f'dan ir-rigward, l-attur ipprezenta r-ricevuti relattivi ghall-kiri tal-ingenji, kif ukoll ir-ricevuti relattivi ghall-materjal, oltre li qed jitlob l-ispejjez tal-mano d'opera, li kumplessivament jammontaw ghal €1,288.16c, u qed jitlob il-hlas ta' nofs dawn l-ammonti.

Illi l-konvenut da parti tieghu qed isostni illi l-ebda hlas m'huwa dovut minnu, ghaliex l-allegati xoghlijiet mhux verament gew imwettqa, u apparti minn hekk, u kemm-il darba saru, ma kienux mehtiega, ghaliex skond l-istess konvenut u martu, dan il-bir kien izomm l-ilma kif suppost, u ghalhekk ma kienx mehtieg li jsiru tali spejjez. Illi ddikjaraw li fis-sena meta jkollhom id-dritt li jtellghu l-ilma huma, huma jaghmlu uzu regolari mill-bir, u jtellghu l-ilma kemm bil-mutur u anke bil-barmil.

Illi hu ma nghatax il-preavviz li qed jigi allegat mill-atturi li nghata qabel ma saru x-xogholijiet ta' riparazzjoni, u lanqas ma nghata spjegazzjoni jew rendikont dwar f'hix kienu jikkonsistu l-ispejjez u x-xogholijiet, u rcieva l-kont lejn l-ahhar tal-2010, u ghalhekk hafna zmien wara li allegatament saru x-xogholijiet.

Ikkunsidra,
Illi ghalkemm il-konvenut qed jikkontendi illi m'ghandux ihallas ghal ebda spejjez ghaliex "...mhux minnu li sar ix-xoghol ta' manutenzjoni reklamat...", it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jiddubita illi tali xogholijiet fil-fatt saru, u ghalhekk qed jaccetta bhala verosimili d-depossizjoni tal-attur. Illi dan anke fid-dawl tar-ritratti li gew ipprezentati mill-atturi tal-crane waqt li kien qed isir ix-xoghol, liema ritratti l-konvenut fl-ebda waqt ma kkontesta li m'humiex tal-bir in kwistjoni, jew ahjar tal-bokka tieghu,

kif ukoll tal-inhawi fejn jinsab dan il-bir. Illi ghalkemm huwa minnu li l-atturi la ressqu l-persuna li kien qed jopera l-crane sabiex jixhed dwar ix-xoghol li sar minnu, u lanqas lill-persuna li kkonsenjalhom ir-ramel, madanakollu, ir-ricevuti li gew pprezentati mill-atturi jirriflettu x-xoghol ta' manutenzjoni li allegatament gie mwettaq f'dan il-bir.

Illi t-Tribunal jinnota illi s-sena li fih allegatament saru x-xogholijiet kienet is-sena illi l-konvenut kellu l-uzu tal-bir; illi f'dan ir-rigward it-Tribunal jinsab kemmxejn konfuz dwar ir-raguni ghalfejn ix-xogholijiet saru f'dik is-sena, u mhux f'xi sena meta l-atturi kellhom l-uzu tal-bir. Madanakollu, jidher illi x-xogholijiet gew imwettqa fi zmien qasir, f'temp ta' ftit granet, u li l-konvenut ma giex effettwat u mfixkel fl-uzu tal-bir waqt li kienu qed isiru dawn ix-xogholijiet.

Illi dwar ir-ricevuti relattivi ghall-materjal u kiri ta' apparat u ingenji sabiex isir ix-xoghol in kwistjoni, liema ricevuti huma sostnuti b'ricevuti fiskali, dawn ma gewx ikkontestati mill-konvenut. Illi dwar dik il-parti tal-kont, li nhareg mill-atturi (a fol. 25), li tittratta dwar il-mano d'opera, l-attur xehed illi din ic-cifra, ammontanti ghal sitt mija u disgha u ghoxrin Ewro (€629) inhadmet a bazi ta' gimgha, ossia sebat (7) ijiem, xoghol minn tliet (3) persuni, u cioe' l-attur u z-zewg uliedu. Illi f'dan ir-rigward l-attur ma gab ebda prova sabiex jissostanzja b'liema rata wasal ghal tali cifra, u li t-tliet (3) persuni msemmija lkoll ghamlu sebat (7) ijiem jahdmu fuq din il-bicca xoghol. Illi dan oltre l-fatt illi lanqas tressqet xi prova illi kien hemm xi telf ta' introjtu sabiex gie mwettaq dan ix-xoghol. Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal qed arbitrio boni viri jillikwida s-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) bhala kumpens xieraq u gust ghall-hin li l-attur seta' impjega sabiex wettaq din il-bicca xoghol.

Illi ghalhekk, u tenut kont tal-fatt illi l-ispejjez li nkorrew l-atturi, inkluz il-mano d'opera likwidat mit-Tribunal, jammontaw kumplessivament ghal disa' mija u disgha u hamsin Ewro u sittax-il centezmu (€959.16c), u li dawn ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet kontendenti, allura s-sehem tal-konvenut minn dawn l-ispejjez jammonta ghal

erba’ mija disgha u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€479.58c).

Ghaldaqstant, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut, jilqa’ t-talba tal-atturi u jordna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ erba’ mija disgha u sebghin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€479.58c), bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------